# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawza Numru: 1**

**Rik. Nru. 1120/2019 RGM**

**Wara l-ittra Ufficjlai bin-numru 4308/2019 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Carmel sive Charles Borg (I.D. 617654M) f'ismek personali u kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Aluminium Extrusions Limited (C 7322)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Carmel sive Charles Borg** prezentat fil-21 ta' Novembru, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab s-segwenti:

1. Illi l-esponenti gew notifikati b'ittra ufficjali bin-numru 4308/2019 fl-ismijiet premessi tas-6 ta' Novembru 2019 pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-ismijiet fuq premessi (Dokument "X");

2. Illi permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali, l-esponenti kienu gew interpellati jhallsu is-somma ta' erbgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin euro u erbgha u hamsin centezmi (€84,632.54) allegatament dovut pro et noe bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att XXIII ta' l-1998;

3. Illi t-talba tal-Kummissarju intimat hija wahda nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fi dritt u dan hekk kif ser jigi hawn taht spjegat;

4. Illi hekk kif jirrizulta bl-aktar mod car mill-precitata ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi (Dok. "X"), il-pretensjonijiet tal-Kummissarju intimat huma imsejjsa fuq allegat ksur tal-provvedimenti tal-Att XXIII ta' l-1998. Jigi osservat li tant gie mibdul dan l-Att minn meta gie l-ewwel introdott fid-29 ta' Dicembru 1998 li l-provvedimenti tieghu l-anqas ghadhom applikabbli u l-pretensjonijiet tal-Kummissarju intimat ma setghu qatt jigi validament kanonizzati a bazi ta' tali Att a tenur tal-istess precitata ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi (Dok. "A"), specjalment peress illi huwa biss dak l-Att kif sussegwentement emendat li johloq stat fil-konfront ta' min huwa registrat ghall-finijiet ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

5. Illi minn harsa lejn Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta bl-aktar mod car li l-kontenut tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie emmendat bl-Avviżi Legali 17, 21, 22, 28, 29, 30, 60, 89, 116, 142, 198, 199, 200, 201, 217, 223 tal-1999, 11, 271, 272, 273 u 274 tal-2000, u 23, 24, 25, 93 u 94 tal-2001; bl-Att VI tal-2001; bl-Avviżi Legali 149, 171, 233, 234 u 235 tal-2001, 180, 205,

387, 388 u 389 tal-2002, 39, 375 u 384 tal-2003, u 149 tal-2004; bl-Atti X tal-2003, u II u III tal-2004; bl-Avviżi Legali 250, 376, 436, 489 u 520 tal-2004; bl-Att XIII tal-2005; bl-Avviżi Legali 171, 181, 186 u 334 tal-2006; bl-Atti IV, XIX u XXXII tal-2007; bl-Avviżi Legali 121, 122, 123, 124, 426, 443, 444, 445, 446, 447 u 448 tal-2007, 105 u 335 tal-2008, u 34, 86, 132, 133, 137, 234 u 235 tal-2009; bl-Atti II tal-2009 u I tal-2010; bl-Avviżi Legali 71, 72, 73, 286, 425, 444, 499, 523, 532, 533, 534, 535 u 536 tal-2010, u 61, 234, 379, 380, 381, 382, 499 u 500 tal-2011; bl-Atti IV, V u XXII tal-2011; bl-Avviżi Legali 38, 39, 89, 185, 418, 419, 420, 421, 422, 423, 424, 425 u 426 tal-2012; bl-Att V tal-2012; bl-Avviżi Legali 64, 140, 141 u 142 tal-2013; bl-Atti III u XIV tal-2013; bl-Avviżi Legali 236, 345 u 422 tal-2013; bl-Atti XII u XLII tal-2014; bl-Avviżi Legali 480 tal-2014, u bl-Avviżi Legali 64, 65, 227 u 231 tal-2015; bl-Att XIII tal-2015; bl-Avviżi Legali 43, 247 u 383 tal-2016; u bl-Att XV tal-2016; bl-Avviżi Legali 347, 348 tal-2017, bl-Avviżi Legali 9, 163, 297, 298, 299, u 434 tal-2018; bl-Att VII tal-2019 u bl-Avviż Legali 155 tal-2019;

6. Illi l-precitata ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi (Dok. “X”) hija monka, frivola, vessatorja u invalida u hija ukoll nulla u minghajr effett fil-ligi fil-konfront tal-esponenti stante li tali ittra ufficcjali lanqas ma tikkontjeni l-allegati avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri allegat ammont ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuti u wisq anqas tixhed li dawn kienu gew debitament notifikati lill-esponenti skond il-ligi;

7. Illi b’zieda mal-premess, jirrizulta bl-aktar mod car u manifest li l-ittra ufficcjali tas-6 ta’ Novembru 2019 pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti fl-ismijiet fuq premessi (Dokument “X”) qed jikser b’mod lampanti d-drittijiet fondamentali appartenenti lill-esponenti ghal smiegh xieraq hekk kif garantiti kemm permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u anke a tenur tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta), u dana ghaliex l-esponenti QATT ma kellhom l-opportunita’ li Qorti INDIPENDENTI tindaga dwar il-veracita’ o’ meno tal-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi dedotta fl-istess;

8. Illi tant qed jinkissru d-drittijiet fondamentali appartenenti lill-esponenti ghal smiegh xieraq hekk kif garantiti kemm permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u anke a tenur tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li minflokk il-Kummissarju ghamel kawza kontra l-esponenti bil-ghan li jekk inhu l-kaz jigi kanonnizzat il-kreditu tieghu (wara li l-esponenti jkollhom smiegh xieraq), issa gara li anke jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tisma' dak li qed jghidu l-esponenti, l-onoeru tal-prova qed jigi kapovolt, biex b'hekk issa minflokk il-Kummissarju jipprova li huwa tassew kreditur tal-esponenti, l-istess esponenti issa ser jkollhom jippruvaw li dan mhux il-kaz…

9. Illi minghajr pregudizzju ghal dak precitat u fil-mertu, skond ma jirrizulta mill-dokumentazzjoni li ghandhom l-esponenti:

I. *Illi fis-16 ta' Dicembru 2008 kien hemm ammont cert u mhux kontestat ta' taxxa dikjarata mis-socjeta' esponenti lill-Kummissarju ammontanti ghal €142,983.91. Minnhom kien diga' thallas l-ammont ta' €131,537.47. Dan kien jhalli bilanc dovut ta' €11,446.44 - dan jirrizulta bic-car mill-anness Dok. "A";*

II. *Illi l-imsemmi bilanc dovut ta' €11,446.44 thallas fl-interita' tieghu hekk kif gej:*

a. *€500 fid-9 ta' Marzu 2010 – vide l-anness Dok. "B";*
b. *€500 fil-11 ta' Marzu 2010 – vide l-anness Dok. "C";*
c. *€2,000 fit-2 ta' Novembru 2010 – vide l-anness Dok. "D";*
d. *€2,100 fil-15 ta' Gunju 2011 – vide l-anness Dok. "E";*
e. *€2,100 fis-26 ta' Lulju 2011 – vide l-anness Dok. "F"; u*
f. *€4,246.44 fil-15 ta' Ottubru 2011 – vide l-anness Dok. "G";*

10. Dan kollu ser jigi spjegat u ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

11. Illi inghad dan kollu, jirrizulta ghalhekk b'mod car li l-ammont illum ezigit mill-Kummissarju qed jigi impost illegalment u minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

12. Ghalhekk, dan l-istess ammont baqa' u qed jibqa' kkontestat mis-socjeta' esponenti peress illi mhux dovut bl-ebda mod u ghalhekk qed tiehu id-diversi proceduri is-socjeta' esponenti, fosthom dawk prezenti;

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors l-istess esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana kontenuta fl-Ittra Ufficcjali tieghu tas-6 ta' Novembru 2019 pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi (Dokument "X") ghall-hlas tas-somma ta' ta' erbgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin euro u erbgha u hamsin centezmi (€84,632.54) allegatament dovut pro et noe bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att XXIII ta' l-1998 hija nulla u infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk mhux ezegwibbli.

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull jedd spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat ir-**Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi** prezentata 11 ta' Frar, 2020 fejn jinghad kif gej:

1. Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi;

2. Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 4308/2019 hi intiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;

3. Illi t-titolu ezekuttiv li ghandu favur tieghu l-esponenti jikkonsisti fl-avviz mibghut u notifikat lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittra ufficjali imsemmija, kif gia inghad, hija ntiza biss sabiex tirrendi ezegwibbli tali titolu ezekuttiv;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess u dan ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-lanjanzi tar-rikorrent ghalhekk kellhom jitressqu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, fit-terminu moghti fil-ligi, u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-ammont dovut mir-rikorrenti fit-termini moghtija fil-ligi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar l-istess ammont dovut lill-esponenti;

7. Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-ammont minnhom dovut ma jistawx jikkontestaw l-ammont dovut f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;

8. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalhekk jirrizulta b'mod car li r-rikorrenti kellhom kull opportunita' sabiex jikkontestaw l-ammont minnhom dovut fl-istadju opportun u kwindi ma jirrizulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq, kif minnhom allegat;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 4308/2019 mhix mahruga ai termini tal-Kap. XII, izda tal-Att XXIII tal-1998, kif indikat bl-aktar mod car fl-istess ittra;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li l-provvedimenti tal-Att XXIII tal-1998 m'ghadhomx applikabbli, kif allegat mir-rikorrenti;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrikjedix li tigi annessa prova tad-debitu mal-ittra ufficjali. Il-prova tad-debitu hi t-talba ghall-hlas li giet precedentement mibghuta u notifikata lir-rikorrent ai termini tal-istess Artikolu tal-ligi;

12. Illi ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali in kwistjoni hu dovut mir-rikorrenti lill-esponenti;

13. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat illi fl-ewwel seduta mizmuma fil-11 ta' Frar 2020, il-Qorti dderegiet lill-partijiet sabiex tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut fir-rigward tal-allegat nullità tal-att promotur;

Rat illi kien hemm qbil bejn il-partijiet li m'hemmx htiega li jitressqu provi ohra, ghajr ghal dawk li diga jinstabu fil-process;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fl-10 ta' Marzu 2020[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur pro et noe pprezentata fl-10 ta' Mejju 2020[2];

[1] Pagna 25 tal-process.
[2] Pagna 36 tal-process.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju.

Ikkunsidrat;

Fis-6 ta' Novembru 2019 il-Kummissarju tat-Taxxi interpella permezz ta' Ittra Ufficcjali lil Carmel sive Charles Borg f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Aluminium Extrusions Limited sabiex fi zmien jumejn min-notifika jghaddi sabiex jithallsu l-ammont ta' erbgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€84,632.54) dovuti bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Din l-ittra tippreciza li intbaghtet ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406, Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bis-sahha tal-azzjoni odjerna l-attur pro et noe qieghed jillamenta li l-Avviz tal-hlas mhux skont il-formalita rikjesta mil-ligi u lanqas javza bit-terminu kontemplat sabiex tigi kkontestata l-pretensjoni tal-Kummissarju. Jikkontendi wkoll li l-Avviz ma giex notifikat lil kull wiehed mill-esponenti b'dan allura jfisser, skont il-konvenut li l-ittra ufficcjali hija irrita u monka. L-attur jitlob lil din il-Qorti imbaghad tghaddi sabiex tiddikjara li s-somma indikata mill-Kummissarju attur hija nulla u nfondata u tiddikjara ghalhekk li l-pretensjoni tal-Kummissarju ghal hlas mhijiex ezegwibbli.

Kien hemm qbil bejn il-partijiet li din il-Qorti qabel tghaddi sabiex tidhol fil-mertu jehtigilha tiddeciedi fuq l-eccezzjoni ta' natura preliminari li tista' ggib fix-xejn l-azzjoni u hija ghalhekk li din is-sentenza sejra tikkunsidra limitatament l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju. Din l-eccezzjoni taqra hekk: "*b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi*".

Ikkunsidrat;

Illi skont l-ittra ufficcjali tas-6 ta' Novembru 2019, il-Kummissarju sejjes l-imsemmi att gudizzjarju fuq l-**Artikolu 59 tal-Kapitolu 406** u cioe l-artikolu li

jirregola l-kostituzzjoni ta' titolu ezekuttiv favur il-konvenut dwar hlas ta` taxxa u penali amministrattiva. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[3] għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel."

Ifisser ghalhekk li l-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 406 jipprovdi illi Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti għandhom, sakemm mhux ikkontestati, "*jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest*

[3] Dan l-artikolu gie mhassar bl-att XVII.2017.84.

*u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili.*" Sussegwentement Artikolu 59 (2) jipprovdi ghall-zewg stadji fil-gbir ta' tali taxxa in segwietu ghall-Avviz tal-hlas: (a) l-ewwel stadju huwa fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jitlob il-hlas permezz ta' Talba ghall-Hlas, liema hlas ghandu jsir fi zmien 30 gurnata; (b) it-tieni stadju huwa meta, wara li jiskadu t-tletin gurnata u ma jsirx hlas, il-Kummissarju tat-Taxxa jinnotifika t-Talba ghall-Hlas permezz ta' att gudizzjarju li, wara jumejn min-notifika, jippermetti lill-Kummissarju tat-Taxxi jigbor il-flejjes dovuti dejjem bis-sahha tat-titolu ezekuttiv li akkwista bl-avviz imsemmi taht l-ewwel sub-artikolu.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-Kummissarju tat-Taxxi rrileva li skont l-Artikolu 161 tal-Kapitolu 12, il-procediment ordinarju jesigi li jsir permezz ta' rikors guramentat[4]. Ikompli jghid li l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma jahsibx li l-ittra ufficjali tista' tigi opposta b'rikors semplici mhux guramentat.

Min-naha l-ohra l-attur pro et noe fin-nota ta' sottomissjonijiet jinsisti li t-talba tieghu qieghda ssir a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 u dan stante li l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma tistabbilixxix procedura li bija debitur jista' jikkontesta l-ittra ufficcjali tal-Kummissarju tat-Taxxi. Id-dispozizzjoni li ghaliha jirreferi l-attur taqra kif gej:

> "(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi

[4] Artikolu 161 tal-Kapitolu 12 li jipprovdi fost ohrajn li:
"(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.
(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi."

licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista’ jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:

[...]

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta’ att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta’ dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.

(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f’jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.

(4) F’kazijiet ta’ xorta urgenti l-qorti tista’, wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f’dan l-artikolu bil-mezz ta’ digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.”

Ikkunsidrat

Il-pern tal-eccezzjoni li qieghda tkun deciza llum hija jekk l-istanza promossa mill-attur pro et noe kellhiex ssir b`rikors guramentat inkella b’rikors semplici. Il-gurisprudenza hija wahda kopjuza f’dan ir-rigward. Il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza **Dorothy Vassallo pro et noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 103/2013 AE) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Mejju 2013[5] fejn gie ennuncjat is-segwenti:

[5] Ara wkoll **Joseph Vassallo pro et noe vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 102/2013 AE) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fl-20 ta’ Mejju 2013; **David Grech et vs. Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 366/2016 AF) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fis-16 t’Ottubru 2017; **Outwest Ltd vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 994/2016 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim’Awla fis-27 ta’ Marzu 2018 (pendenti appell); **Il-Kummissarju tat-Taxxi vs. Anthony Mercieca** (Rik Nru 187/2016 JVC) deciza mill-Qorti tal-

"Il-Qorti tosserva li:-

i. Mill-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013 hu evidenti li ma gietx prezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali stess l-intimat iddikjara li kienet qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406.
ii. Id-differenza fiz-zewg kazijiet hi li taht:-

(a) L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 – it-titolu ezekuttiv hi d-dikjarazzjoni guramentata li jaghmel il-kap tad-dipartiment.
(b) L-Artikolu 59 tal-Kap. 406 – it-titolu ezekuttiv hu l-avviz li jinhareg mill-intimat li jkun juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.

"Hu evidenti li f'dan il-kaz il-procedura kontemplata fl- Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 ma tapplikax. Il-qorti tkompli tosserva kif fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 m'hemmx provvediment li jaghmel l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 applikabbli ghal finijiet ta' kontestazzjoni ta' titolu ezekuttiv li jitnissel b'applikazzjoni tal-Artikolu 59.

"Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex jipprovaw ihassru l-effetti tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2013. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-decizjoni **Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud** tat-30 ta' Settembru 2010, fejn gie dikjarat kif gej:

> ".... Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mil-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu.
>
> Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-Art. 466 tal-Kap. 12.

---

Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Generali) fis-17 t'April 2018; **Kummissarju tat-Taxxi vs. David Agius** (Rik 79/2019 JZM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fil-31 t'Ottubru 2019.

> Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r- rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir- ragunijiet –
>
> 1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma addotax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art. 466.
>
> 2) L-ittri ufficjali fol. 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjrazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l- artikolu.
>
> Omissis
>
> L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar- rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-Art. [59] tal- Kap. 406.
>
> Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien ottenut titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art. 59.".

Sentenza li ghandha l-fatti speci simili ghal kaz odjern hija dik fl-ismijiet **Carmlu Ltd vs. Kummissarju tat-Taxxi** (Rik Nru 1268/2008 JRM) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla tal-20 t'Ottubru 2009 fejn gie spjegat:

> "Illi **għal dak li jirrigwarda n-nullita' tal-att għaliex sar bi ksur ta' forma meħtieġa mil-liġi** l-intimat iqis li tali nuqqas seħħ għaliex il-kumpannija rikorrenti mexxiet din il-kawża b'sempliċi rikors, minflok b'Rikors Maħluf. L-eċċezzjoni għalhekk tinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad ukoll li, f'dan ir-rigward, l-intimat jipprova jħaddem difiża b'żewġ miri: l-ewwel waħda trid li l-kumpannija rikorrenti m'għandha l-ebda rimedju biex tattakka l-kont mibgħut lilha ladarba dan sar titolu eżekuttiv bis-saħħa tal-liġi; it-tieni waħda hi li l-proċedura magħżula mill-kumpannija rikorrenti m'hijiex dik li trid il-liġi. Għal raġunijiet ovvji, l-Qorti sejra tqis biss it-tieni linja ta' difiża, għaliex l-ewwel waħda m'hijiex daqstant raġuni ta' eċċezzjoni preliminari formali dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju magħżul mill-kumpannija rikorrenti, iżda attakk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet tagħha fil-mertu;

[...]

"Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti la hija mressqa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-artikolu 281 tal-istess Kodiċi. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekuttivi u mhux titoli eżekuttivi li jkunu diġa' miksuba[6]. Min-naħa l-oħra, ladarba l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti hija dik li tattakka l-"pretensjoni dedotta fl-ittra uffiċjali" (jiġifieri l-ammont mitlub fl-ATĦ [Avviz tal-Hlas]), allura l-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-intimat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors Maħluf kif jipprovdi l-artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura [Ara P.A. GCD **30.4.2009** fil-kawżi ***Paul Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** u ***Joseph Camenzuli vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (appellati)];

"Illi jidher mad-daqqa t'għajn li l-att ġudizzjarju mressaq mill-kumpannija rikorrenti bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala Rikors Maħluf. F'dan il-każ, minħabba dan in-nuqqas, jgħodd dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 164(1) tal-Kap 12, marbut ma' dak li jrid l-artikolu 789(1)(d) tal-istess Kodiċi. Fil-każ partikolari, lanqas jidher li jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-*proviso* tal-imsemmi artikolu 789(1), jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid;"

Ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ma jirrizultax illi r-rikorrent pro et noe jista' jitlob b'rikors semplici sabiex il-Qorti tissindika t-titolu ezekuttiv ottjenut mal-hrug mill-intimat tal-Avviz taht l-Artikolu 59 (1) u rez ezegwibbli bl-ittra ufficcjali tas-6 ta' Novembru 2019. M'hemmx dubju illi din l-ittra ufficcjali ma saritx a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 bhal kif donnu qieghed jinsisti r-rikorrent pro et noe, izda saret ai termini tal-Artikolu 59 tal-

---

[6] Dwar l-inapplikabbilita tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12, din il-Qorti tirreferri ghas-sentenza **Henry Peter Copperstone vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Avviz Nru 207/2011 GG) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 t'Ottubru 2012.

Kapitolu 406. Ghaldaqstant jekk l-attur ried jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat kien jehtieglu li jistitwixxi l-azzjoni tieghu bil-mezz ta' rikors guramentat fit-termini tal-Artikolu 161 tal-Kapitolu 12 u mhux b'rikors semplici.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat tirrizulta li hi fondata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju konvenut billi tilqaghha, tiddikjara illi r-rikors tal-21 ta' Novembru 2019 huwa null u konsegwentement tillibera lill-intimat mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

Spejjez a karigu tar-rikorrent proprio et nomine.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**